MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 1997

Avviz Numru. 2213/1997/1

**Avviz numru 2213/1997DM**

**Josef u Dorothy mizzewgin Tabone**

**Vs**

**Hal Mann Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija sebgha u tmenin lira Maltija u tmien centezmi (Lm587.08) imhallsa lilhom f'kuntratt ta' appalt mal-atturi fejn kellhom jipprovdulhom u jillostrawlhom il-madum, liema appalt ma sarx skond ma tirrikjedi l-arti u s-sengha, u l-madum ma kienx skond l-kwalita' miftiehma jew bhall kampjuni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tad-9 ta' Settembru 1996, bis-socjeta kummercajli konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn kienu eccipew illi:

1 Preliminarjament l-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti biex tisma' u l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi, skond il-kuntratt li sar bejnha u s-socjeta eccipjenti, kien miftiehem li kull ilment li seta' kellha dwar l-appalt moghti kellu jigi riferut ghal Arbitragg;
2 L-eccipjenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur Josef Tabone, billi mieghu ma sar l-ebda ftehim , u ghalhekk l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur tat-talbiet tieghu u ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tieghu;
3 Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, li t-talba attrici mhix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan stante li kemm il-materjal u kif ukoll ix-xoghol provdut mis-socjeta eccipjenti kien skond ma kien miftiehem u skond is-sengha w l-arti;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-decizzjoni ta' din il-Qorti tal-16 ta' Gunju tas-sena 2000 u d-decizzjoni relattiva tal-Qorti tal-Appell tal-24 t'April tas-sena 2001 fejn dik is-sentenza kienet giet annullata u l-atti ntbaghtu lill din il-Qorti ghall kontinwazzjoni u decizzjoni u fejn il-Qorti tal-Appell kienet iddecidiet illi l-ispejjez kemm ta' prim istanzi kif ukoll ta' din l-istanza fic-cirkostanzi fuq il-bazi ta' error judicis error partis ghandhom jigu sopportati mill-partijiet ugwali bejniethom.

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenuti fis-seduta tallum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha fuq ammissjoni tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija sebgha u tmenin lira

Maltija u tmien centezmi (Lm587.08) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-ispejjez kontra l-konvenuti salv dawk decizi digia mill-Qorti tal-Appell li ghandhom jigu sopporatati skond dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------